**338. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

Billi bis-saħħa tas-subartikolu (1) tal-artikolu 62 tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-Kummissjoni Elettorali irrevediet il-konfini tad-distretti elettorali u għamlet it-tibdil li jinsab fir-Rapport datat 3 ta' Frar, 1981, mibgħut lill-Prim Ministru u lill-Kap tal-Oppożizzjoni u li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fis-Seduta tal-25 ta' Marzu, 1981; u

Billi skond l-artikolu 62(3)(c) tal-Kostituzzjoni l-Kamra għandha l-jedd li jew tapprova dak it-tibdil jew tibgħat lura t-tibdil lill-Kummissjoni Elettorali biex tikkonsidrah mill-ġdid; u

Billi saret xi kritika għat-tibdil magħmul mill-Kummissjoni Elettorali; kritika li tista' tiġi ventilata awkoll f'din il-Kamra, u huwa għalhekk xieraq li l-Kummissjoni Elettorali tingħata l-opportunità li tikkonsidra bir-reqqa din il-kritika u tiddeċiedi jekk minħabba f'hekk jew għal kwalunkwe raġuni oħra għandhiex tagħmel tibdil ieħor jew le;

Għalhekk din il-Kamra tiddeċiedi għall-fini tas-subartikolu(3) (c) tal-artikolu 62 tal-Kostituzzjoni u għall-finijiet kollha tal-istess Kostituzzjoni u ta' kull liġi oħra, li l-imsemmi rapport tal-Kummissjoni Elettorali jintbagħat lura lill-istess Kummissjoni biex jiġi kkonsidrat mill-ġdid minnha.

26.06.1981